

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet

- tiddikjara li l-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata għall-kumpens sħiħ tad-dannu subit mir-rikorrent minħabba d-dewmien osservat fl-organizzazzjoni tal-proċedura ta' klassifikazzjoni mill-ġdid 2013;
- fi kwalunkwe każ, tiddikjara li l-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata għall-ispejjeż

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka motiv wieħed ibbażat fuq id-dannu subit minnu u li huwa eskużiżiavent attribwibbli għan-nuqqas min-naħa tal-Kummissjoni fid-dmir tagħha ta' amministrazzjoni tajba, stabbilit fl-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. Ir-rikorrent isostni, fl-ewwel lok, li l-lista ta' membri tal-persunal ikklassifikati mill-ġdid ma ġietx adottata mill-Kummissjoni fi żmien raġonevoli, jiġifieri qabel il-31 ta' Diċembru 2013. Huwa jżid, fit-tieni lok, li d-dannu materjali li huwa allegatament ġarrab huwa reali u kwantifikabbi u, fit-tielet lok, li teżisti rabta kawżali bejn in-nuqqas amministrattiv tal-Kummissjoni u d-dannu subit.

---

### Rikors ippreżzentat fl-24 ta' Ottubru 2016 – Generis – Farmacéutica vs EUIPO – Corpak MedSystems (CORGRIP)

(Kawża T-744/16)

(2016/C 475/33)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

### Partijiet

Rikorrenti: Generis – Farmacéutica, SA (Amadora, il-Portugall) (rappreżentant: J. Paulo Sena Mioludo, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Corpak MedSystems, Inc. (Buffalo Grove, Illinois, l-Istati Uniti)

### Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenjużha: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark* kontenjużha kkonċernata: trade mark verbali tal-Unjoni "CORGRIP" – Applikazzjoni għal regiestrazzjoni Nru 12 437 919

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO:* proċedimenti ta' oppożizzjoni

*Deċiżjoni kkontestata:* deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-26 ta' Lulju 2016 fil-Każ R 2443/2015-2

### Talbiet

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkonferma d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni tal-15 ta' Ottubru 2015 fil-proċedimenti ta' oppożizzjoni B 002334129;

- tilqa' l-oppożizzjoni B 002334129;
- tiċħad l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni tat-trade mark tal-Unjoni Ewropea Nru 012437919 "CORGRIP" kollha kemm hi;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż rispettivi tiegħu kif ukoll għal dawk tar-rikorrenti.

#### Motiv invokat

- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.

---

#### Rikors ippreżzentat fil-31 ta' Ottubru 2016 – La Rocca vs EUIPO (Take your time Pay After)

(Kawża T-755/16)

(2016/C 475/34)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

#### Partijiet

Rikorrenti: Alessandro La Rocca (Anzio, l-Italja) (rappreżentanti: A. Perani, J. Graffer, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprijetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

#### Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Trade mark kontenjuha kkonċernata: trade mark tal-Unjoni figurattiva li tinkludi l-elementi verbali "Take your time Pay After" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 14 369 031

Deċiżjoni kkontestata: deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-4 ta' Awwissu 2016 fil-Każ R 406/2016-1

#### Talbiet

- tikkonstata l-ksur u l-applikazzjoni inkorretta tal-Artikolu 7(1)(b) u (2) tar-Regolament dwar it-trade mark Komunitarja;
- tikkonstata l-ksur tal-Artikolu 75 tar-Regolament dwar it-trade mark Komunitarja u, għall-effetti;
- tannulla d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO, fil-Każ R 406/2016-1, mogħtija fl-4 ta' Awwissu 2016 u nnotifikata fil-31 ta' Awwissu 2016;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

#### Motivi invokati

- Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) u (2) tar-Regolament Nru 207/2009;
- Ksur tal-Artikolu 75 tar-Regolament Nru 207/2009.